**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 06/09 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 17 ta Settembru 2009 | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Prezenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Skuzata - |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti |
| | | Fenech Stephanie | Skuzata |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Ezekuttiv Anton Falzon | |

**06. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Joe Attard<br>Sekondant: R. Darmanin | **Il-Minuti 05/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |

06. 1. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**06. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.5 | Sindku - Ufficju Distrettwali tas-Sigurta Soċjali. | Is-Sindku informa l-Kunsill li Sigurta Socjali ser jagħmlu użu mill Garaxx tal-Kunsill, bi ftehim ta ħlas ta' Ewro 20 kull ġurnata. Dan l-użu ser jibda min Jannar li ġej għal perjodu ta' madwar sitt xhur sakemm issir il-manutenzjoni neċessarja fl-ufficini li qed jintużaw fil-preżent. | Sindku |
| 06. 2. 2 | 05.2.12 | Seychell - Arbli Temporanji. | Seychell ġibed l-attenzjoni li l-arbli temporanji fi Triq id-Duluri k/m Dun Spir Grixti għadhom ma nqalawx. Il-Kunsill qabel li għandha terga tinkieb ittra dwar dan sabiex jinqalgħu fl-iqsar żmien possibbli. | Segretarjat |
| 06. 2. 3 | 05.3.4 | Seychell - Seminar ghal Wirt Kulturali | Seychell irraporta li attenda għal dan is-seminar iżda sfortunatament deher biċ-ċar li kien hemm diżinteress kbir minn dawk kollha preżenti. Seychell informa l-Kunsill li f'dan is-seminar l-aktar li kien ta' nteress għalina kienet id-diskussjoni fuq is-supretendenza fejn hu ġibed l-attenzjoni li bqajna bla risposta rigward is-sit fil-Liceo Carlo Diacono. Ir-risposta li Seychell ingħata kienet li sfortunatament is-sezzjoni inkarigata kellhom ħafna xogħol. | |
| 06. 2. 4 | 05.8.9 | Sindku - Spralli fi Triq il-Kbira | Is-Sindku nforma l-Kunsill li hemm bżonn tingħata attenzjoni lill-ispralli fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għanda terġa tintbgħat ittra lis Sanita'. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2. | 5 | 05.8.15 | Sindku - bozza ġdida fi Triq il-Qalb ta' Gesu | Is-Sindku informa l-kunsill li għalkehmm il-bozza ta' Triq il-Qalb ta' Gesu ġiet approvata mill-Enemalta, meta mar il-kuntrattur sabiex jagħmel l-installazzjoni is-sid tad-dar ma fejn kienet ser titwaħħal oġġezzjona għal dan ix-xogħol b'riżultat li din ma twaħħlitx. Għandna nidentifikaw x'hinumha d-drittijiet tar-residenti f'dan il-kas. | Sindku |
| 06. | 2. | 6 | 05.8.15 | Sindku - Roqgħa ilma fi Triq id-Dahla ta' San Tumas | Is-Sindku irraporta li għad hemm il problema ta' l-ilma li qed joħrog minn Ħal Tmiem u li qed jinġabar fi Triq id-daħla ta' San Tumas. Is-Sindku nforma l-kunsill li minkejja d-diskussjonijiet mal-periti ta' l-ADT sabiex din tissolva ikun l-aħjar li ta' lanqas isir xi rimedju minn naħa tal-Kunsill. Hales gibed l-attenzjoni lill-Kunsill li fi Triq Toni Zahra k/m Triq Cachia Zammit hemm l-istess problema | Sindku |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/09. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 3. | 1 | 03 | Deborah Pace -Proġett Indafa | Is-Sindku informa l-Kunsill li applikajna għal inizjattiva lokalitajiet indaf. Piscopo ipproponiet sabiex inħeġġu lin-nies tal-lokal sabiex isebbħu il-faċċati tad-djar. | Sindku / Segretarjat |
| 06. | 3. | 2 | 04 | AKL - Ħlas għal- ġbir ta' l-iskart | Is-Sindku qara korrispondenza mingħand is-Sur Micheal Cohen rigward il-ġbir ta' l-iskart, fejn infurmana li mhux ser ikun hemm l-ebda tibdil fil-ħlas sakemm ma jkunx hemm informazzjoni oħra mid-Dipartiment. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser issir laqgħa nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru ma' l-Onor Chris Said fuq dan ir-rigward. | Segretarjat |
| 06. | 3. | 3 | 05 | AKL - Laqgha ghal Kunsillieri - Reggjun Xlokk | Nqrat korrispondenza rigward il-laqgħa għal-kunsillieri - Reggjun Xlokk li ser issir nħar is-Sibt 19 ta' Settembru. Għal din il-laqgħa ser jattendi is-Sindku, Viċi-Sindku u l-kunsilliera L.W. Piscopo. | |
| 06. | 3. | 4 | 08 | Għaqda Banda Zejtun - Ċelebrazzjonijiet bejn l-20 u 26 ta' Settembru fl-okkażjoni ta' Jum il-fondazzjoni ta' l-istess għaqda. | Nqrat korrispondenza mingħand l-Għaqda Banda Żejtun fejn dawn spjegaw li ċ-ċelebrazzjonijiet tagħħom huma strettament ta' l-Għaqda Banda Zejtun u distinti minn kull attivita oħra li ssir fil-lokal. Is-Sindku spjega li peress li fis-26 ta' Settembru hemm l-attivita Żejt iż-Żejtun, għanda tinkiteb ittra lill Għaqda Banda Zejtun fejn jigi spjegat li l-Marċ ma jrid joħloq l-ebda tfixkil għal- l-attivita ta' Żejt iż-Żejtun. | Segretarjat |
| 06. | 3. | 5 | | Sindku - Ftuħ ta' l-uffiċini nhar ta' Sibt | Is-Sindku qara korrispondenza mingħand il-Gvern Lokali rigward il-ftuħ ta' l-uffiċini tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Is- Segretarju spjega kif iltaqa mal - ħaddiema klerikali fejn id-deċiżjoni tagħhom kienet li ma jaħdmux fil-ġurnata tas-Sibt. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lid- Dipartiment sabiex jintalab ħaddiem full-time. | Segretarjat |

**06. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-ħlasijiet 06/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-ħlasijiet 06/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**06. 5.** **Atttivita Zejt iz-Zejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 5. 1 | | Sindku - Zejt iż-Zejtun | Is-Sindku nforma l-Kunsill li waslet l-attivita Żejt iż-Żejtun nhar is-Sibt 26 ta' Settembru fejn is-Sindku ħeġġeġ lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex jattendu. Għal din l-attivita ser ikunu mistiedna is-Segretarju Parlamentari tat-Turizmu, is-Segretarju Parlamentari Chris Said, l-Onor. S. Buontempo, l-Onor. M.L. Coleiro u l-Onor. J. Sammut. L-attivita tkompli l-Ħadd filgħodu bit-tberik ta' l-annimali. | Sindku / Vici- Sindku |

**06. 6.** **Xiri tal-Garaxx**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 6. 1 | | Sindku - Xiri tal-Garaxx biswit l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill | Is-Sindku informa l-Kunsill li ġie konkluż ix-xiri tal-garaxx li nxtara għal-prezz finali ta' Ewro 33,682.80. Dan il-prezz intlaħaq peress li inxtara biss is-sehem ta' 6/10 tas-Sinjura Marina Galea. Is-Sindku spjega kif dan ix -xiri sar kollu skond kif titlob il-ligi u ġie nfurmat ukoll b'dan l-akkwist id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. | Segretarja |

**06. 7.**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 1 | | Sindku - Xogholijiet fi Triq Anglu Gatt / Triq il-Vittmi tal-Gwerra / Triq Dun Gwann Tabone | Is-Sindku informa l-Kunsill li ser jinbeda ix-xoghol fuq dawn it-toroq hekk kif jinħargu il-permessi meħtieġa. | Sindku |

**06. 8.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 1 | | | | |

**06. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 1 | | Sindku - Kiosk fi Gnien San Girgor | Is-Sindku spjega kif is-Sur Silvio Quirolo għamel investiment sostanzjali u għalhekk wieħed irid jimxi b'attenzjoni. Il-Kunsill iddeċieda nem.con li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għal sena oħra b'zieda ta' Ewro 465.87 (LM200) fuq is-somma eżistenti iżda sena oħra tinħareg sejħa għall l-offerti. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 2 | Sindku -Xogħol fuq Ġnien Brejġu | Is-Sindku informa l-Kunsill li nbeda ix-xoghol fuq Ġnien Brejġu din il-Ġimgha. Dan ix-xogħol qed isir mill-kuntrattur Schembri Barbros b'estensjoni tat-Tender li ingħat lilu ghax-xoghol li sar fuq Ġnien iz-żgħożija. L-ispiża għal dan ix-xoghol trid tkun skond kif meqjusa fil-kuntratt tal-UIF. | Sindku / Segretarjat |
| 06. 9. 3 | Darell Pace - Xoghlijiet minn volontarji ta' Suret il-Bniedem | Pace informa l-Kunsill li fondazzjoni Suret il-bniedem qed jibgħatu nies b'mod volontarju sabiex jagħmlu xogħol ta' tindif fil-lokalitajiet. Is- Sindku qal li miz-zona ta' San Klement sa Triq Bormla hemm bżonn ta' tindif estensiv. Il-Kunsill qabel li għanda tintbgħat lista lill - Pace bix-xoghol li hemm bzonn li jsir. Pace informa ukoll lill-Kunsill rigward l-iskema ta' persuni mill- ħabs li jagħmlu xogħol bla-ħlas fis-soċjeta. | Sindku / Segretarjat |
| 06. 9. 4 | Hales - ' No Parking' fi Triq Hal Tarxien ghal vetturi industrijali | Hales issuġerixxa kif Triq Hal-Tarxien għandha ssir 'No Parking' għall-vetturi industrijali u ' Heavy Equipment'. Il-Kunsill qabel nem.con u għalhekk għandha tinkiteb ittra lill- ADT. | Segretarjat |
| 06. 9. 5 | Claude - Affarijiet diversi | Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq bosta affarijiet fosthom 1) 'Sleeping Police' fi Triq San Klement li hemm bżonn jigu friskati bit tarmac. 2 ) Bżonn ta' bozza fil-bidu ta Triq l-ispirtu Santu . 3) Triq it-Tempju hemm razzett li ġie problema kbira għar residenti tal-madwar speċjalment bi skart li hemm mormi fid daħla tiegħu 4) Bżonn ta' Zebra Crossing fejn is-St. Catherine Pharmacy - is-Sindku spjega li Darmanin tkellem mal-Koptasin fejn ser isiru pjanti tat-Triq Godda. 5) Bżonn ta' 'Traffic Island' fi triq il-Hotba - ser tintbgħat reminder lill-ADT fuq dan. 6 ) Bżonn ta' Pelican lights fi Triq Cachia Zammit - dwar din ta' l-aħħar is-Sindku spjega li t-talba għaliha ilha li saret l-ADT snin ilu. | Darmanin / Sindku/ Segretarjat |
| 06. 9. 6 | A.Seychell - Problema ta' residenta fi Triq id-Duluri | Seychell spjega kif fi Triq id- Duluri hemm residenta li qed issib diffikulta sabiex itella il-pushchair fuq il-bankina. Is-Sinkdu spjega l-fatt li ma nistgħux ineħħu il-karozzi mit-triq biss jekk ikun hemm xi mod possibbli li nistgħu ngħinuha dan iseħħ. | Darmanin |
| 06. 9. 7 | A. Seychell - Wirja tal-filatelija | Seychell informa l-kunsill li din is-sena il-wirja tal-filatelija ser issir bejn 23 u 30 ta Ottubru. | Seychell |
| 06. 9. 8 | Wille Piscopo - Attivitajiet tal-Milied | Wille Piscopo issuġeriet sabiex jiġu stabbiliti minn issa id-dati għall l-attivitajiet tal-Milied. Ġie deciż sabiex fil-21 ta' Diċembru jsir ir-ricevemnt tal-Milied. Seychell informa l-Kunsill li fid- 29 ta' Diċembru ser isir il-Kunċert tal-Milied. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 9 | Lisa - Gnien iz-Zghozija / Skart ti Triq Dellimara K/m Triq Dejma | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni li għalkhemm Ġnien iż-Żgħożija ġie ferm sabiħ, għandu bżonn ta' tindif kontinwu. Piscopo ġibdet l-attenzjoni ukoll għal kwantita ta' skart li qed ikun hemm fi Triq Dellimara kantuniera ma' Triq Dejma | Sindku |
| 06. 9. 10 | Wille Piscopo - Sewqan perikoluz f'zoni residentjali. | Wille Piscopo gibdet l-attenzjoni dwar sewqan perikoluż li qed isir f'bosta nħawi residenzjali. Is-Sindu nforma l-Kunsill li jekk is-sewwieqa jiġu identifikati tista tinħareg ittra ta' twissija mit-Tribunal. Piscopo nfurmat lill-Kunsill ukoll fuq mera quddiem Barbetta li qiegħda mgħottija b'tinda u għaldaqstant ma tidhirx mis-sewwieqa. | Sindku / Darmanin |
| 06. 9. 11 | Sindku - Triq Pres Anton Buttigieg | Is-Sindku spjega kif spokespan ta' l-ADT ipprova jitfa l-ħtija fuq il-Kunsill, meta zmein ilu il pjanta ta' 'traffic management' u 'traffic calming' kienet lesta, precizament f'Ottubru 2007. Dak inhar il-Kunsill spjega kif fejn sqaq Ħal Bajda kienet mingħajr 'pelican lights' u għalhekk il-Kunsill insista li jsiru. Is-Sindku kompla jispjega kif għal l-ispeed limit gew l-ADT, ħarġu l-percentile points iżda 'speed limit' qatt ma ingħatajna. Fil- jiem li ġejjin suppost ser joħorgu l-offerti minn naħa ta' l-ADT sabiex isir 'traffic calming managament'. Sfortunatatment il-lanterni li saru fejn il-Lasco sal-lum għadhom ma jixgħelux | Darmanin |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid- 20:45. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 1 t'Ottubru 2009.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv